*- Korrezzjoni Att tat-Twelid –*

*- Direttur Registru Pubbliku -*

*- Dejjem maghruf b'tali kunjom -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' April, 2002**

**Kawza Numru: 36**
**Citazzjoni Numru: 1871/01/RCP**

**Robert Dowling Attard**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici fejn gie premess:

Illi fit-30 ta' Ottubru 1968 twieled l-attur u fic-certifikat tat-twelid gie mnizzel bhala Robert Dowling Attard (Dok A).

Illi l-attur kien u ghadu dejjem maghruf mill-familja, kugini u hbieb bhala Robert Dowling.

Illi b'sentenza tal-25 ta' Mejju 1993 wara citazzjoni ppresentata minn missier l-attur, gie ddikjarat li kunjom missier l-attur huwa "Dowling".

L-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex wara kull dikjarazzjoni u publikazzjoni necessarja skond il-ligi:

1. Tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' l-attur (4455/68) billi jigi ddikjarat li l-isem tal-attur huwa Robert Dowling u tordna li dan il-korrezzjoni jigi rifless f'kull att iehor ta' status civili tal-attur.

Il-konvenut hu ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Marzu 2002.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku a fol 18 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna u jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghall-gudizzju ta' din Qorti;

2. Illi qabel xejn ghandu isir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16;

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-atti mertu tal-kawza odjerna mhumhiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 18 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2002 fejn l-attur ikkonferma bil-gurament tieghu l-kontenut tac-citazzjoni attrici u li hu kien dejjem maghruf bil-kunjom Dowling. Dr Sciberras Abdilla rrimettiet ruhha ghall-provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 t'April 2002.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. IL-MERTU TAL-KAWZA.

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-attur numru 4455/68 *stante* li l-attur qed jallega li fil-fatt hu kien dejjem maghruf bil-kunjom "Dowling" u mhux "Dowling Attard" kif indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u dan jinsab ikkonfermat ukoll mis-sentenza fl-istess ismijiet "**Andrew Attard sive Dowling vs Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**" (P.A. (FD) deciza fil-25 ta' Mejju 1993 Cit Nru 997/91) fejn kien diga gie ordnat li ssir tali korrezzjoni, u ghalhekk it-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tilqa' t-talba attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan li:-

1. Tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' l-attur (4455/68) billi jigi ddikjarat li l-isem tal-attur huwa Robert Dowling u tordna li dan il-korrezzjoni jigi rifless f'kull att iehor ta' status civili tal-attur.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**9 ta' April 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**9 ta' April 2002**